# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 158/2021 TA**

**Maria Concetta magħrufa bħala Cettina Caruana (KI Nru 471451M)**

**vs**

**John Camilleri (KI Nru 461359M),u**
**martu Doreen Camilleri (KI Nru 438561 M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Maria Conċetta Caruana (L-Attriċi) tat-22 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**i.** "Illi r-rikorrenti hija mart Salvatore sive Salvu Caruana li miet fit-30 ta' Jannar 2018 u l-istess rikorrenti ġiet nominata bħala werrieta universali u padruna assoluta tal-ġid tiegħu, preżenti u futur, permezz ta' l-aħħar testment unica charta tiegħu li sar fl-24 ta' Jannar 2018 in atti tan-Nutar Joseph Debono (Dok "A");

**ii.** Illi l-istess Salvatore sive Salvu Caruana silef flejjes lill-intimati fuq tlett okkażżjonijiet differenti fl-ammont globali ta' kapital ta' mija u tlieta u sittin elf u sitta u ħamsin ewro u erbatax-il ċenteżmu (EUR 163,056.14 )bl-imgħax ta' tmienja (8%) fil-mija;

iii. Illi dan is-self brevi manu sar permezz ta' tlett skritturi ta' self datati 7 ta' April 2005 fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (EUR23,293.73); skrittura oħra datata 28 ta' Frar 2006 fl-ammont ta' disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (EUR69,881.20), u skrittura oħra datata 4 ta' Lulju 2007 fl-ammont ta' disgħa u sittin elf, skrittura oħra datata 4 ta' Lulju 2007 fl-ammont ta' disgħa u sittin elf tmien mija u wieħed u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (EUR69,881-20), liema skritturi qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok "B", Dok "C" u Dok "D":

iv. Illi fuq medda ta' żmien, l-intimati ħallsu lir-rikorrenti u lil mejjet żewġha, l-ammont komplessiv ta' sitta u tmenin ewro, sitt mija u disgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (EUR86,629.50) bl-aħħar pagament ikun fl-4 ta' Novembru 2014:

v. Illi wara tali data, saru diversi wegħdiet da parte tal-intimati kif ser jissaldaw id-debitu minnhom dovut inkluż li jsir trasferiment ta' immobbli taħt titolu ta' datio in solutum lejn l-aħħar tas-sena 2017, iżda dawn qatt ma mmaterjalizżaw;

vi. Illi għab-bażi tal-iskritturi surriferiti u t-tnaqqis relattiv għal pagamenti saru s'issa mill-intimati, l-ammont dovut mill-intimati huwa dak ta' mitejn sebgħa u erbgħin elf, mija u erbgħa u għoxrin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (EUR247,124.47) bl-imgħax kalkolat sat-3 ta' Novembru 2019, oltre imgħaxijiet dekoribbli minn dak in-nhar, u dana skont l-eżitu li rriżulta minn eżerċizzju li sar mill-komputista appuntat mir-rikorrenti (Dok "E)";

vii. Illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut, u fir-rigward ta' liem l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jagħtu;

viii. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-bilanċ li sar lill-intimati permezz ta' ittra legali datata 20 ta' Mejju 2015 (Dok "F"), ittra legali oħra datata 3 ta' Ottubru 2017 (Dok "G") u ittra uffiċjali datata 18 ta' Ottubru 2019 (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok "H"), l-intimati baqgħu inadempienti:

ix. Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jiġi deċiż bid-dispensa tas-smiegħ, billi l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjoni valida fil-liġi xi jressqu kontra t-talba tar-rikorrenti;

x. Illi l-esponent taf b'dawn il-fatti personalment għal dak li jirrigwarda dak kollu premess;

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

**i.** Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

**ii.** Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' (6247,124.47) rappreżentanti self li sar lilhom fi tlett okkażżjonijiet flimkien l-imgħax dekors sat-3 ta' Novembru 2019 kif fuq spjegat u għar-raġunijiet fuq indikati;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri legali datati 20 ta' Mejju 2015 u 3 ta' Ottubru 2017 u tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Ottubru 2019, oltre l-imgħaxijiet legali mit-3 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv, lkoll kontra l-intimati li minn issa huma nġunti in subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata ta' John u Doreen konjuġi Camilleri (il-konvenuti) li permezz tagħha wieġbu u ppremettew is-segwenti:

**1.**"Preliminarjament, l-azzjoni attriċi ma tistax tintlaqa' stante li t-talba hija msejjsa fuq causa illecita billi s-self mertu tal-kawża sar bi ksur tal-liġi, inkluż tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376);

**2.** Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' hekk kif l-ammont pretiż mhuwiex dovut mill-esponenti,stante illi apparti mill-inkonsistenzi fir-rikors promotur, kienu saru diversi ħlasijiet mill-esponenti u għaldaqstant, l-ammont reklamat mhuwiex dovut;

**3.** Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, triq issir l-imputazzjoni tal-ħlas skond il-liġi, stante illi d-diversi ħlasijiet li saru mill-esponenti ma ġewx imputati kif trid il-liġi;

**4.** Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex l-imgħax kif maħdum jikser il-prinċipju tal-ultra duplum u di piu qed jintalab imgħax fuq imgħax;

**5.** Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward tal-imgħax, ma jistax jgħaddi imgħax b'lura stante li jeħtieġ li l-pagamenti jiġu imputati kif imiss, u quindi *in illiquidis non fit mora*;

**6.** Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

**7.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi in sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-esponenti jiddikjaraw dan li gej:

**1**. Illi l-Art. 3(1) tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji jgħid illi: "L-ebda attività elenkata fl-Ewwel Skeda ta dan l-Att, minbarra servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet, m'għandha tiġi tranżatta regolarment Jew abitwalment, fi jew minn

Malta, ħlief minn kumpannija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti." Skond l-Art. 2 tal-imsemmi Att "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tidħol biex nwettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qiegħda twettaq dik l-attività u li jkollha liċenzja jew tkun reġistrata taħt dan l-Att". L-ewwel attività li hemm imniżżla fl-Ewwel Skeda hija dik ta' "self", li fil-qafas tal-liġi nnifisha tista' tfisser bis-self ta' flus.

**2.** Illi s-Sur Caruana, ir-ragel tal-attrici illum mejjet, kien silef flus lill-esponenti f' diversi okkażjonijiet. Dokumenti li għandhom l-esponenti juru li kien sar self addirittura f'Ottubru tal-2003 ghall-ammont ta' sebat elef Lira (Lm7,000) (Dok. 'A'), liema self mhuwiex imsemmi mill-attrici fir-rikors promotur ghall fatt illi dan gie mhallas fl-intier tieghu mill-esponenti (Dok. 'B'). Dan ikompli juri kemm is-Sur Caruana kien isellef abitwalment lill-esponenti u kemm dan is-self ma kienx agir straordinarju għalih iżda wiehed abitwali. Mhux talli hekk talli kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawża, dan sahansitra kien jiddependi fuq flus ta' terzi biex isellef lill-esponenti (Dok. 'C'). Isegwi li sakemm is-Sur Caruana ma kellux licenzja mahruga skont dak 1-Att biex seta' jislef, stante li huwa kien qed isellef lill-esponenti b'mod abitwali u ma kinitx xi haga ta' darba biss, tali self ma jiswiex għaliex imsejjes fuq causa illecita.

**3.** Illi l-istess Caruana kien jaqta' l-pagamenti kif jidhirlu hu b'mod li kien iħalli l-kapital dejjem kostanti u dovut bl-iskop li l-esponenti ma jaqtgħu qatt id-debitu tagħhom. Inoltre, kull ftehim li ġie propost ġie sfrattat mill-istess Caruana. Kien hemm tant trapass ta' żmien li għall-esponenti din kienet kwistjoni magħluqa biex imbagħad, snin wara li miet Caruana, saret l-odjerna kawża;

**4.** Illi jidher ċar anke mad-daqqa t'għajn li t-talba attriċi tikkontjeni imgħax li jiżboq il-kapital tant hu hekk li filwaqt li t-talba hija għall-kanoniżazzjoni tas-somma ta' €247,124.47, kif jidher mir-rendikont immarkat Dok. E' mar-rikors ġuramentat, tali somma tinkludi €163,056.14 bħala l-kapital allegatament misluf oltre għal €176,515.56 f'imgħaxijiet u kwindi anke mad-daqqa t'għajn hawn ksur tal-prinċipju tal-ultra duplum fis-somma ta' €13,459.42. Mhux talli hekk, talli fit-talba tagħha l-attriċi qed titlob "/ imgħaxijiet legali mit-3 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv" fuq is-sorte sħiħ ta' €247,124.47 u kwindi qed tikkapitalizża l-imgħaxijiet li allegatament iddekorrew sal-lum bil-konsegwenza li jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba attriċi, jkun hemm mhux biss ksur tal-prinċipju tal-ultra duplum, iżda anke imgħax fuq l-imgħax.

**5.** Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment mill-esponenti.

Bl-ispejjeż".

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda imressqa.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti (ara verbal tat-2 ta' Frar 2022).

**Punti ta' fatti:**

Din il-Kawża bdiet abbażi tal-artikolu 167 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta. B'dana kollu din il-Qorti ħasset li kellha tikkonċedi lill-konvenuti tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha u li l-Kawża tieħu l-kors normali tagħha u dan għar-raġunijiet spjegati fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021.

Il-fatti huma sempliċi ħafna. Flimkien ma żewġha Salvu Caruana, illum mejjet, l-attriċi u żewġha selfu diversi ammont ta' flus lill-konvenuti permezz ta' numru ta' skritturi li ġew esebiti mar-rikors promotur. L-konvenuti, jidher li għamlu diversi pagamenti pero' l-Attriċi tgħid li baqa' l-ammont li qiegħed jintalab f'din il-Kawża u ċioe' dak ta' €247,124.47.

L-konvenuti qiegħdin isostnu li dan l-ammont ma hux dovut fost oħrajn minħabba li t-transazzjonijiet ta' self huma effetti minn kawża illeċita.

**Punti ta' Liġi:**

Kif diġa' aċċennat, dak li jrid ikun determinat f'dan l-istadju ta' din il-Kawża hija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. Huma jsostnu li *"it-talba hija msejjħa fuq causa illecita billi s-self mertu tal-Kawza sar bi ksur tal-ligi, inkluz tad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar L-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap 376)".*

L-Konvenuti dehrilhom, li fir-risposta ġuramentata tagħhom ma kellhomx għalfejn jindikaw bi preċiżjoni l-artikolu tal-liġi tal-Att li qiegħdin jinvokaw.

Għalkemm ma hux xogħol tal-Qorti li tiskopri liema hu dan l-artikolu, b'sens ta' ġustizzja tifhem, li minn dak li jirrisulta mill-atti, il-konvenuti qiegħdin jirreferu għall-artikolu 3(1) tal-Kap 376 tal-Liġijiet ta' Malta (ara nota a' fol 73 u 167 nota' ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti).

Is-Sub-artikolu inkwistjoni jiddisponi hekk:

"*Ebda attività elenkata fl-Ewwel Skeda ta' dan l-Att, minbarra servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet, m'għandha tiġi tranżatta regolarment jew abitwalment, fi jew minn Malta, ħlief minn kumpannija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti:*

*Iżda l-attivitajiet elenkati fl-Ewwel Skeda ta' dan l-Att, ħlief għas-servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet, jistgħu jiġu tranżatti wkoll fi, jew minn Malta, minn persuna legali li jkollha awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament jew id-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi, fl-eżerċizzju tad-drittijiet Ewropej relattivi u skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament u d-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi.*"

(Emfażi tal-Qorti).

Il-kawża illeċita hija ukoll trattata fil-Kodiċi Ċivili f'artikolu 997 li jiddisponi hekk:

*"obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett."*

Artikolu 990 ikompli jispjega hekk:

*"Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku".*

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa ċar, li dak li qiegħdin jgħidu l-konvenuti inkwantu li qiegħdin jeċċepixxu l-kawża illeċita huwa fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 3(1) tal-Kap 376 b'referenza għas-self mertu ta' din il-Kawża.

Fir-rigward ta' dak li jddisponi l-Kodiċi Ċivili b'referenza għall-kawża illeċita dawn il-Qrati jispjegaw hekk:

"*L-Art. 990 tal-Kap 16 jiddefinixxi 'kawza illecita' bhala dik li 'hija pprojbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku.' Din id-definizzjoni hija wahda wiesgha hafna u hija intiza biex tinkludi dak kollu li huwa pprojbit mill-ligi u kontra l-interess tas-socjeta`. Huwa f'idejn il-Qorti li tiddeciedi jekk kawza partikolari hiex illecita jew le. Fil-kawza Rosario Borg v. Carmela Portelli. l-Qorti (Imhallef E. Ganado J). iddecieda li: "... dina hija kwistjoni unikament ta' fatt illi ghandha tkun ezaminata minghand il-gudikant f'kull kaz specifiku skond ic-cirkostanzi ta' dak il-kaz; ..."* (Ara Sentenza tal-**Qorti tal-Appell [Superjuri] Seduta tad-29 ta' Frar, 2008 Appell Ċivili, fl-ismijiet Mario u Mary konjuġi Borġ -vs- Naħla Limited**).

**Konsiderazzjonijiet:**

Stabbilit li dak li qed jeċċepixxu il-konvenuti, li l-kawża lleċita tikkonsisti fil-fatt li s-self mertu ta' dawn il-proċeduri sar bi ksur tal-liġi kif fuq spjegat, **G. Pescatore**

**u C. Ruperto** fl-opra tagħhom **Il-Codici Civile Annotato** jispjegaw li "*Si ha contratto in frode della legge quando le parti adottano uno schema negoziale astrattamente lecito per conseguire un risoltato vietato dalla legge* (Ara **Opra supra pg 1276 Ed. Giuffre'**). Għalhekk, dan jinneċċesita' li jsir eżami ta' dik il-parti tal-liġi li l-konvenuta qed tinvoka iġifieri artikolu 3(1) tal-Kap 376 tal-liġijiet ta' Malta fil-kuntest tal-fatti u provi risultanti mill-atti.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-artikolu 3(1) jagħmel referenza speċifika għall-għemil ta' kumpaniji u mhux persuni fiżiċi bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Dan tant huwa minnu, li fejn il-liġi riedet tirreferi għal persuna fiżika, dan għamlitu f'subartikolu (1A) tal-istess artikolu meta ai fini ta' servizzi ta' informazzjoni jiddisponi hekk:

*"L-ebda servizz ta' informazzjoni dwar kontijiet m'għandu jkun tranżatt regolarment jew abitwalment fi, jew minn Malta, ħlief minn persuna fiżika jew minn kumpanija li tkun inħarġitilha reġistrazzjoni taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti".* (Emfażi tal-Qorti).

Pero' Il-liġi ma hiex daqstant feliċi fin-nomenkaltura li tuża, għaliex id-definizzjoni ta "persuna" *hija ta' persuna fizika jew impriza* u d-definizzjoni ta' "impriża" hija *korp ġuridiku jew xort'oħra li jiġġestixxi xi kummerċ jew negozju.* Għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubbju li kumpanija hija korp ġuridiku. Dawn il-premutazzjonijiet tad-definizzjonijiet tal-liġi tal-istess kelma ma jgħinu xejn biex tingħata interpretazzjoni ċara tal-intenzjoni tal-leġislatur. L-użu ta' varjazzjoni ta' kliem bħal kumpanija, impriża u korp ġuridiku *li xorta ohra*

*jigestixxi il-kummerc* jista' jagħti lok għal interpretazzjonijiet vari li jkunu anke konfliġġenti.

Hija d-definizzjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja fl-Att, li teluċida l-prinċipji involuti meta tistipula li din tikkonsisti *"..tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qiegħda twettaq dik l-attività u li jkollha liċenzja jew tkun reġistrata taħt dan l-Att."*

Għalhekk, jekk persuna tkun qiegħda twettaq xi waħda mill-attivitajiet elenkati fl-iskeda b'mod regolari jew abitwali, u fost dawn hemm l-attivita' ta' self, ikun ifisser li biex l-attivita' tkun waħda skont il-liġi, irid ikun hemm liċenzja maħruġa mill-Awtorita' regolatorja. Bosta huma dawk is-Sentenzi, uħud minnhom anke ċitati mill-partijiet fin-noti tagħhom, li pronunzjaw il-prinċipji involuti fil-vertenza inkwistjoni.

Il-Konvenuti ressqu diversi xhieda u dokumenti biex jipprovaw li l-ammonti mislufa lilhom f'diversi okkażjonijiet flimkien mal-fatt li l-Atturi ġabu l-flus minn terzi sabiex setgħu għamlu in-negozju għalhekk huma jargumentaw li dan jammonta, għall-attivita' abitwali u regolari u biex b'hekk kien hemm bżonn awtorizzazzjoni ai termini tal-artikolu 3(1) tal-kap 376 tal-liġijiet ta' Malta. Ergo ġaladarba wettqu atti kontra l-liġi, isegwi li il-komminazzjoni ta' Artikoli 990 u 997 tal-Kodiċi Ċivili jirrendu n-negozju bejn il-partijiet null u mingħajr ebda effetti fil-liġi.

Victor Pace prodott mill-konvenuti xehed, li ma kien hemm ebda liċenzja maħruġa favur Salvatore Caruana mill-MFSA, la sabiex jaġixxi bħala *Credit Institution*, bħal ma huwa l-Bank, u lanqas sabiex jaġixxi bħala *Financial Institution*. Dan jgħid ukoll, li individwi ma jistgħux japplikaw għall-liċenzja. Dan jispjega li "*minghajr licenzja mhux suppost tista' issellef ghax tkun qed tikser il-ligi*" (a' fol 89). Il-Qorti staqsiet ukoll lix-xhud xi tkun is-sitwazzjoni jekk ikun hemm bżonn li dak li jkun jissellef bi pjaċir mingħand ħabib u ċioe' jekk ikunx hemm bżonn il-ħtieġa ta' permess. It-tweġiba kienet netta "Le" (a'fol 89 tergo). F'dan ir-rigward l-Attriċi, kemm fl-affidavit tagħha u kif ukoll in kontro eżami tgħid li l-konvenuti "*kienu jigu d-dar u konna hbieb maghhom*" (a' fol 101).

Il-Konvenuti, in sostenn tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, saħqu li tant is-self kien wieħed abitwali, li l-Atturi kienu saħansitra jiddependu fuq flus ta' terzi biex isellfu lill-konvenuti (a' fol 78). In sostenn ta' dan, esibew dokument b'diversi ammonti li jindikaw flejjes allegatament miksuba mingħand diversi nies u entitajiet, fost dawn id-ditta B&G Hardware Store. (a' fol 84).Fis-seduta tat-18 ta' Novembru tressaq Saviour Bellizzi, propjetarju ta' dan l-istore. Dan kategorikament jeskludi li qatt sellef xi flejjes lill-żewġ l-Attriċi anzi jgħid li kull ma kellu x'jaqsam kien ma' xi flus ta' kera.

Minn dawn il-provi, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li żewġ l-attriċi kien qiegħed iwettaq self b'mod abitwali u regolari kif trid il-liġi. L-abitwalita' u regolarita' tal-għemil irid ikun wieħed li ma jirrigwardax biss self lil xi persuna partikolari, iżda trid tkun waħda pervasiva, fis-sens, li jrid jirrisulta li l-żewġ l-Attriċi kien qiegħed jagħmel bħala ħobżu l-attivita' ta' self ma diversi persuni

differenti bil-ħsieb li jużufruwixxi minn din l-attivita' bl-imgħax jew pagamenti oħra relatati mas-self. Mhux daqstant importanti kemm-il darba sar self lill-persuna partikulari, ħafna drabi bejn ħbieb, daqskemm hija il-firxa ta' attivitajiet finanzjarji li jkunu saru b' mod li wieħed ikun jista' jgħid li daħal fis-suq tas-servizzi finanzjarji.

Dawn il-Qrati josservaw li "*Ghal fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 376, fl-ewwel lok irid jigi stabbilit jekk il-konjugi Bonello jaqghux fid-definizzjoni ta istituzzjoni finanzjarja. Sabiex persuna tikkwalifika bhala istituzzjoni finanzjarja trid taghmel l-atti elenkati fl-iskeda, b'mod "regolari" jew "abitwali". Il-qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg kelmiet huma sinonimi ta' xulxin, u jindikaw attivita' persistenti u kostanti. Attivita' li tista' tghid tkun drawwa. Li persuna ssellef flus ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament taqa' fid-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja. M'hemmx dubju li l-legislatur halla fid-diskrezzjoni tal-qrati sabiex jiddeciedu jekk persuna tkunx qeghda taghmel attivita' bhala istituzzjoni finanzjarja,"* (Ara **Sentenza tal-Maġistrati (Superjur) Ta' Għawdex tat-3 ta' Marzu, 2009 fl-ismijiet Ronald Azzopardi Vs Francis Bonello.** Konformament ma dan il-ħsieb issir ukoll referenza għal dak li ntqal fis-Sentenza tas-**7 ta' April, fl-ismijiet Grazio sive Horace Cachia Vs Agostino sive Winston Carbone u Verney Carbone l-Qorti** osservat hekk:

"*Ghalkemm irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank Centrali li l-attur ma kellu ebda permess biex isellef il-flus, liema prova hija limitata minhabba l-fatt li certu dokumenti ma baqghux jinzammu mill-Bank wara d-dekors ta' numru ta' snin, jirrizulta mill-provi li l-attur sellef flus lil dawn it-tnejn min-nies ghal numru*

*ta' drabi, li fil-fehma tal-Qorti mhumiex fihom infushom prova li l-attur kien jaghmel negozju abitwali minn dan is-self li jwassal ghall-konvinciment sal-grad rikjest mil-ligi li s-self kien bazat fuq skop kummercjali bhala kummerc bankarju, hekk kif definit fl-istess ligi bankarja."*

Kważi kważi din is-Sentenza tagħmel osservazzjonijiet li setgħu saru minn din il-Qorti għal każ li għandha quddiemha. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-konvenuti għażlu li ma jixħdux biex ikollohom ċans jirribattu dak li xehdet l-Attriċi partikolarment dwar iċ-ċirkostanza ta' ħbiberija li kienet tesisti bejniethom.

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda taqta' u tiddeċiedi dil-vertenza bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuti.

Spejjeż jibqgħu riservati għal mas-Sentenza finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**